DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 214/2020

tal-11 ta' Diċembru 2020

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2016]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 345/2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju u r-Regolament (UE) Nru 346/2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied fil-punt 31bd (ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat minn:

— **32017 R 1991**: Ir-Regolament (UE) 2017/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017, (ĠU L 293, 10.11.2017, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Il-paragrafi minn 2 sa 6 tal-Artikolu 10 u l-punt (b) tal-Artikolu 13(1) ma għandhomx japplikaw għal maniġers eżistenti fir-rigward ta' fondi ta' kapital ta' riskju kwalifikanti eżistenti matul it-termini ta' dawk il-fondi fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 214/2020 tal-11 ta' Diċembru 2020. Dawk il-maniġers għandhom jiżguraw li huma jkunu kapaċi jiġġustifikaw, fi kwalunkwe ħin, is-suffiċjenza tal-fondi tagħhom stess biex iżommu kontinwità operattiva."

2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 31be (ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

", kif emendat minn:

— **32017 R 1991**: Ir-Regolament (UE) 2017/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017, (ĠU L 293, 10.11.2017, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw skont l-adattamenti li ġejjin:

Il-paragrafi minn 2 sa 6 tal-Artikolu 11 l-punt (b) tal-Artikolu 14(1) ma għandhomx japplikaw għal maniġers eżistenti fir-rigward ta' fondi ta' intraprenditorija soċjali kwalifikanti eżistenti matul it-termini ta' dawk il-fondi fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 214/2020 tal-11 ta' Diċembru 2020. Dawk il-maniġers għandhom jiżguraw li huma jkunu kapaċi jiġġustifikaw, fi kwalunkwe ħin, is-suffiċjenza tal-fondi tagħhom stess biex iżommu kontinwità operattiva."

[1] ĠU L 293, 10.11.2017, p. 1.

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2017/1991 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 64/2018 tat-23 ta' Marzu 2018 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Sabine MONAUNI

* Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.

([2]) ĠU L 26, 30.1.2020, p. 60